MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1737/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta estera CGU Insurance plc, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha George Saliba u l-istess George Saliba**

**Vs**

**Olaf Zahra**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis17 ta' Lulju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u tmienja u erbghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm248.35) rappresentanti in kwantu ghas-somma ta' Lm223.35 lis-socjeta attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' Lm25 lill-attur George Saliba rappresentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru BMW619 fis-16 ta' Gunju 2001 gewwa l-Ghargur habat

mal-vettura numru KAD873 proprjeta ta' George Saliba u ikkaguna danni f'din l-istess vettura, ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tat-12 ta' Dicembru 2001 u tal-parir (Lm15) u bl-ispejjez ta' ittra ufficjali indirizzat lill-assikurazzjoni tal-konvenut u ipprezentata kontestwalment ma'l-avviz, kif ukoll bl-imghaxijiet legali  kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata mill-konvenut fit-13 ta' Settembru 2002 fejn huwa eccepixxa illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante illi ghall-incident meritu tal-kawza, l-eccipjenti ma kellu l-ebda tort kif jgi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta'  George Saliba, PS38 Paul Zahra, Monalisa Saliba u tal-konvenut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi l-incident stradali mertu tal-kawza sehh fi Triq il-Gharghur direzzjoni li tiehu minn Naxxar lejn il-Gharghur. L-attrici tikkontendi illi hija kienet qed issuq bil-mod iktar vicin ic-*centre strip* bl-intenzjoni illi iddur ma'l-istess sabiex tipparkeggja fuq in-naha l-ohra tat-triq. Fil-mument li sehhet il-kollizzjoni hija kienet qed tfittex sabiex tipparkeggja il-vettura misjuqa minna u meta indunat illi fuq in-naha tat-triq fejn kienet qed issuq ma kienx hemm *parking space* vojt, hija xeghlet l-*indicator* sabiex iddur mac-*centre strip*. F'dan il-mument u cioe' hekk kif hija bdiet iddur mac-*centre-strip* gie il-mutur misjuq mill-konvenut minn warajha u baqa' diehel fil-vettura fuq il-parti ta' wara taghha u dana kif jidher fuq ir-ritratt esebiet fil-kors tax-xhieda taghha Dokument MS1. Hija tishaqq illi fl-ebda muoment qabel l-impatt ma kienet rat il-mutur gej minn warajha ghalkemm kienet harset mil-mirja tal-

vettura. Ghalhekk issostni illi l-mutur kien qieghed jinsaq b'velocita eccessiva ghaliex sabitu fuqha habta u sabta. Hija issostni inoltre illi l-mutur kellu l-intenzjoni li jisorpassaha ghalkemm tghid illi wara l-impatt, is-sewwieq tal-mutur ma kienx taha spjegazzjoni ta' dak li kien bi hsiebu jaghmel.

Min-naha tieghu is-sewwieq tal-mutur jaghti verzjoni kemmxejn differenti ta' kif sehh dan l-incident stradali. Huwa jispjega illi kien qieghed isuq fid-direzzjoni lejn il-Gharghur u cioe' bl-intenzjoni li jibqa' sejjer fid-dritt. Kien lemah il-vettura misjuqa mill-attrici mal-genb tat-triq u cioe' man-naha tax-xellug tat-triq u mhux man-naha tal-lemin kif issostni l-attrici. Ighid illi huwa ma huwiex cert jekk fil-fatt kenitx wieqfa jew kenitx qieghda issuq bil-mod hafna. Hekk kif wasal vicin taghha bl-intenzjoni li jisorpassaha, hija qabbdet u kissret sabiex iddur mac-*centre strip*, minghajr ma xeghlet l-*indicator*, bil-konsegwenza illi sehh l-impatt.

Illi mix-xhieda tas-sewwieqa involuti fl-incident stradali mertu tal-kawza, jidher illi s-sewwieqa tal-vettura ta'l-attur kellha intenzjoni li iddur mac-*centre strip* sabiex taqsam ghan-naha l-ohra tat-triq, filwaqt illi l-konvenut kellu intenzjoni jibqa' sejjer fid-dritt lejn il-Gharghur. Jirrizulta ukoll illi l-konvenut kellu intenzjoni li jissorpassa l-vettura misjuqa minn Saliba qabel ma sehh l-impatt u li l-impatt sehh hekk kif Saliba kienet ser iddur sabiex taqbad l-istess *centre strip*. Ma hemmx qbil madanakollu dwar tlett punti kardinali u cioe' fuq liema naha tat-triq kienet qed issuq l-istess Saliba, jekk hija kenitx qieghda taghti indikazzjoni lis-sewwieqa li gejjien minn warajha tal-manuvra li kienet bi hsiebha taghmel u l-velocita li biha kien qieghed isuq il-konvenut.

Illi mill-iskizz esebit mis-surgent tal-pulizija, jidher illi l-vettura misjuqa minn Saliba kienet diga qabbdet iddur mac-*centre strip* meta sehh l-impatt u illi il-mutur kien gej minn warajha fuq in-naha tat-triq vicin ic-*centre strip*.

Ikkunsidra,

Illi l-gurisprudenza tal-qrati taghna kienet dejjem kostanti meta sahhqet illi meta sewwieq ikun ser jikser, mhuwiex bizzejjed illi jaghmel sinjal, izda irid jara wkoll illi dawk li qed isuqu warajh ikunu fehmu s-sinjal u rreagixxew ghalih. Huwa irid jaccerta ruhu li ma hemm hadd li jkun ser jaqilghu fil-mument li jkun ser jikser. (ara sentenza PA; 15/10/1995 – Hugh Zammit noe vs Raymond Debono; Qorti tal-Magistrati 01.03.1999 Middle Sea Insurance Co. Ltd., vs Patrick Calleja; PA – Allied Insurance Services Ltd. noe et vs Jonathan Galea – 21.06.2002). Fuq kollox l-artikolu 79 tal-Highway Code Ighid:
"*When changing direction, you must invariably signal your intention to turn well in advance and make sure that it is safe to do so by looking in your mirror*."

L-awtur Buchanan fil-ktieb "Liability in Motor Cases" ighid:
"*In cases of collisions between an overtaking motorist and a right turning motorist being overtaken, it is first of all necessary to have regard to the duties of the right turning motorist. … As regulations requiring a motorist to have a clear view through his rear-view mirror of following traffic became stricter, it became the duty of the driver to keep a look-out both in front and behind. He no longer complies with his duty unless, after giving his turning signal, he takes reasonable steps to satisfy himself that following traffic has both seen and reacted to his signal, which, it is submitted, boils down to taking reasonable steps to ensure that there will be no traffic in the process of overtaking him as he makes his turn."*

Illi mill-fatti esposti quddiem mit-Tribunal jidher illi Saliba kienet x'aktarx tiffokka l-attenzjoni taghha sabiex tfittex post fejn tipparkeggja. Dan il-fattur ghalhekk wassal sabiex hija qabbdet u kissret mac-*centre strip* minghajr ma hadet kont tat-traffiku li kien gej minn warajha. Ma jistax ikun kif tikkontendi Saliba illi hija kienet qieghda issuq vicin ic-*centre strip* u dana peress illi li kieku dan kien il-kas ma kienx ikun hemm bizzejjed spazju ghall-konvenut sabiex jissorpassaha u kien iktar jaghmel sens illi huwa ighaddi minn max-xellug taghha. Inoltre lanqas ma jaghmel sens dak li tikkontendi Saliba illi fil-mument li sehh l-impatt il-vettura taghha kienet tinsab fejn hemm il-

vettura Panda indikata fuq ir-ritratt Dokument MS2 ghaliex altrimenti kien ikun impossibbli ghal konvenut illi jahbat fiha.

Illi x'aktarx illi Saliba kienet qieghda issuq iktar lejn ix-xellug tat-triq b'velocita baxxa hafna (peress illi kienet qed tfittex spazju vojt), u meta lemhet spazju fuq in-naha l-ohra tat-triq, hija xeghlet l-*indicator* u bdiet iddur bil-konsegwenza illi l-mutur li kien gej minn warajha misjuq mill-konvenut ma indunax bil-manuvra li kienet bi hsiebha taghmel u baqa' diehel go fiha.

Illi Saliba tikkontendi illi l-konvenut kien gej bi *speed* eccessiv u li ma kenitx lemhitu meta harset fil-mirja qabel ma daret izda huwa gie fuqha habta u sabta. Wiehed jistaqsi dana kif jista' ikun peress illi ghalkemm ma setghetx tilmhu, certament illi mutur bhal dak li kien qieghed isuq il-konvenut wiehed jisimghu gej jekk kien gej bi *speed* eccessiv.

Illi l-manuvra ta' surpass min-naha tal-konvenut ma hijiex bizzejjed biex tistabbilixxi ir-responsabbilta ghal dan l-incident min-naha tieghu. Ghalkemm hija regola importanti hafna biex jista' isir surpass, li tali surpass isir b'sikurezza ghas-sewwieq li jkun qieghed jeffettwa din il-manuvra u ghall-utenti l-ohra tat-triq, ma jirrizultax mill-provi prodotti illi l-konvenut kien qieghed jaghmel dan is-sorpass b'xi mod sperikolat u dana peress illi huwa xehed illi haseb illi l-vettura ta' Saliba kienet wieqfa jew miexja bil-mod hafna. Inoltre anke kieku stess wiehed kellu ghal grazzja ta'l-argument jemmen illi l-konvenut kien gej b'certu velocita' dina ma tistax isservi ta' skuza ghas-sewwieq l-iehor li jonqos mill-osservanza tad-dmirijiet tieghu tas-sewqan.

Illi ghalhekk it-Tribunal jiddikjara illi kienet is-sewwieqa tal-vettura assikurata mas-socjeta attrici li kienet responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza, minhabba ir-*right hand turning* illi hija ghamlet minghajr ma hadet il-prekawzzjonijiet kollha necessarji dettati mir-regolamenti tas-sewqan.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------